MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Numru. 8/2010

Il- Pulizija
[Spettur Nikolai Sant]

vs

Anthony Sciberras

Kumpilazjoni Nru: 8/2010

Illum 8 ta' Frar 2010,

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Anthony Sciberras ta' 67 sena bin Michael u Michelina nee' Attard imwieled San Giljan, nhar is- 06 ta' Mejju 1942 u residenti gewwa No:- 4, 'Lourdes', Triq Guze' Borg, San Gwann u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 303242(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-17 ta' Dicembru 2009 u fil-gimghat ta' qabel bhala persuna responsabbli minn razzett li jinsab fi Triq il-Pelikan limiti ta' San Gwann :

1. Gieghel annimali issofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn.

2. Zamm annimali jew qabel li jzomm annimali u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom.

3. Qatel annimali ta' razza domestika jew li jippartjenu ghal razza selvagga izda li tkun giet domestika, minbarra annimali mizmuma ghall-produzzjoni ta' ikel, meta dan ma kienx kaz ta' emergenza li vizibilment tfisser tbatija zejda u li tista' twassal ghall-mewt u li ma sarx minn veterinarju jew persuna kompetenti ohra.

4. Qatel annimali b'metodu li jikkaguna tbatija fizika u mentali ghall-annimali.

5. Minghajr il-permess tat-tabib veterinarju tal-gvern qatel annimali u biegh laham mill-post fejn il-post ma kienx biccericija pubblika.

6. Uza dan il-post jew jew halla lil minn juza bhala biccerija dan il-post li ma kellux licenzja mis-supritendent tas-sahha pubblika.

7. Biegh jew offra ghall-bejgh jew ghamel reklam ghall-bejgh ghall-konsum mill-bniedem, xi parti minn, jew prodott imnissel ghal kollox jew parti minn, xi annimali li l-qatla tieghu tkun projbita, jew f'parti minnha, jew xi fdal, skond il-kaz li ma' l-ispezzjon ikun nstab li mhux tajjeb ghall-konsum mill-bniedem, jew xi laham jew li jkun sar ta' hsara ghas-sahha jew ikun qdiem, thassar, sar hazin jew xort'ohra mhux tajjeb ghall-konsum mill-bniedem.

8. Iddeposita ghand, jew ikkonsenja jew ipprepara ghall-bejgh jew kellu fil-pusses tieghu sabiex ibiegh ghall-konsum mill-bniedem, xi parti minn, jew prodott imnissel

ghal kollox jew parti minn, xi annimali li l-qatla tieghu tkun projbita, jew f'parti minnha, jew xi fdal, skond il-kaz li ma' l-ispezzjon ikun nstab li mhux tajjeb ghall-konsum mill-bniedem, jew xi laham jew li jkun sar ta' hsara ghas-sahha jew ikun qdiem, thassar, sar hazin jew xort'ohra mhux tajjeb ghall-konsum mill-bniedem.

9. Taghha bhala kumpens jew xort'ohra ghall-konsum mill-bniedem, xi parti minn, jew prodott imnissel ghal kollox jew parti minn, xi annimali li l-qatla tieghu tkun projbita, jew f'parti minnha, jew xi fdal, skond il-kaz li ma' l-ispezzjon ikun nstab li mhux tajjeb ghall-konsum mill-bniedem, jew xi laham jew li jkun sar ta' hsara ghas-sahha jew ikun qdiem, thassar, sar hazin jew xort'ohra mhux tajjeb ghall-konsum mill-bniedem.

10. Uza bini u facilitajiet u taghmir ta' bicceriji, u l-operat taghhom milli jkun tali li jkunu evitat lill-annimali kull ecitament ugiegh jew dbatija li jistghu jigu evitati.

11. Qatel annimali mhux imkabbra ghall-finijiet agrikoli imma ghall-konsum ta' l-ikel minghajr awtorizzazzjoni tas-servizzi veterinarji.

12. Ghamilha bhala persuna li jipprepara l-ikel minghajr ma qabel kien registrat bhala tali mal-Kummisjoni ghas-sigurta' fl-ikel.

13. Naqqas li jirregistra post ta' l-ikel mal-Kummissjoni ghas-Sigurta' fl-ikel.

14. Naqqas li jzomm post ta' l-ikel f'kundizzjoni mhux sanitarji.

15. Naqqas li jzomm ikel li x'aktarx issostni t-tkabbir ta' mikro-organizmi patogenici jew il-formazzjoni ta' tossini f'temperatura ta' izjed minn 8ºC.

16. Transporta annimali ta' l-ispeci jew kategoriji, lokalment, meta ma kienux akkompanjati b'certifikat mahrug mill-ufficjal mahtur mill-Ministru li jistqarr li sab l-annimali tajjeb ghat-transport.

17. Transporta annimali ta' l-ispeci jew kategoriji, lokalment, meta l-annimali ma kienux forniti bi jew akkompanjati b'marki ta' identifikazzjoni jew dokumenti msemmija fic-certifikati.

Rat l-artikoli 8(2)(3), 13(1)(2)(3) u 23(1A)(1B) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta; 43 tal-Kapitolu 449 tal-Ligijiet ta' Malta; ir-Regolamenti numri 3(1) ta'l-Avviz Legali 178/2001; 3(1) ta' l-Avviz Legali 180/2001; 6(1) ta'l-Avviz Legali 264/2002; 4 u 17 ta' l-Avviz Legali 260/2003; 3(1) ta' l-Avviz Legali 146/2008.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ama kellux ogezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma dion l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati in kwistjoni, l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 8(2)(3), 13(1)(2)(3) u 23(1A)(1B) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta; 43 tal-Kapitolu 449 tal-Ligijiet ta' Malta; ir-Regolamenti numri 3(1) ta'l-Avviz Legali 178/2001; 3(1) ta' l-Avviz Legali 180/2001; 6(1) ta'l-Avviz Legali 264/2002; 4 u 17 ta' l-Avviz Legali 260/2003; 3(1) ta' l-Avviz Legali 146/2008 fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-

imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn u qed tikkundannah ukoll ghal multa ta' hames mitt Euro (€500) li ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imutat fi kliem ordinarju ir-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------